MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 494/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara  li ppremetta:

Illi l-esponent kien izzewweg nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) (vide certifikat taz-zwieg Dok. 'A') u minn tali zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi huma ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Pubbliku Mary sive Mariella Mizzi datat erbgha (4) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) (vide Dok. 'B' u ghalhekk huma ilhom aktar minn erba' snin minn meta kkontrattaw is-separazzjoni konsenswali u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnu u l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.
Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodosfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Awissu 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut peress illi l-konjugi kienu iddekadew reciprokament ghal kull dritt ta' manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni personali taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tiddikjara illi iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------